# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar il-Gimgha 26 ta' April, 2019

**Rikors Numru : 472/2018 JPG**

**Kawza Numru : 27**

**JP**

**vs**

**NP**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ta' JP, datat 23 ta' Ottubru 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet inghaqdu fiz-zwieg fi 5 ta' Gunju 1982 kif jidher mid-dokument anness u mmarkat bhala Dok. 'A', u minn din l-ghaqda twieldu zewg tfal, R illi twieldet fil-22 ta' April 1984 u A illi twieldet fit-30 ta' Gunju 1986 u, dunque t-tnejn maggjorenni;*

2. *Illi it-tnejn ottjenew is-separazzjoni personali in forza ta' Digriet moghti mill-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni Familja) datata 3 ta' Lulju 2014;*

3. *Illi m'hemm l-ebda prospett ragjonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi oltre l-fatt li ilhom aktar minn erba' (4) snin separati, huma ghandhom hajja totalment separata u independenti minn xulxin;*

4. *Illi ma hemm l-ebda pendenza dwar hlas ta' manteniment minn xi parti fil-konfront tal-parti l-ohra, u dan anke ghaliex il-partijiet irrinunzjaw*

*reciprokament mid-dritt li jitolbu u jottjenu hlas ta' manteniment u dan kif jirrizulta minn klawsola numru hdax (11) tal-kuntratt ta' separazzjoni;*

5. *Illi dawn il-fatti jinkwadraw ruhhom u jissodisfaw il-kundizzjonijiet u kriterji kontemplati fl-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex il-partijiet jiksbu d-divorzju.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tippronunzja d-divorzju, ossia l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex isiru d-debita registrazzjoni u annotamenti fl-atti civili relattivi fir-Registru Pubbliku u dan ai termini tal-Artikolu 66A(4) tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimata ingunta minn issa in subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' NP, datata 23 ta' Jannar 2019, a fol 24 li taqra hekk:

1. *Illi preliminarjament u ghal kull buon fini l-intimata taghti ruha b'notifkata bl-avviz tas-smiegh u l-inkartament ta' din il-kawza;*

2. *Illi hija taqbel li m'hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejnha u bejn zewgha r-rikorrenti u ghaldaqstant ma topponix ghat-talba tar-rikorrent ghal ksib tad-divorzju;*

3. *Illi hi taqbel mas-sostenn tar-rikorrenti zewgha fl-ewwel (1), t-tieni (2) u r-raba (4) paragrafu tar-rikors guramentat fl-ismijiet hawn fuq premessi;*

4. *Illi ghalhekk hi tirrimetti ruhha ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;*

5. *Illi pero hi m'ghandhiex tbaghti l-ispejjez ta' din il-kawza;*

*Salv eccezzjonijiet ohra jekk ikun hemm bzonn;*

*Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti li hu ngunt minn issa ghas-subizzjoni tieghu;*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta

**Ikkonsidrat:**

**JP** xehed a fol 28A *et seqq* illi l-partijiet izzewgu fil-5 ta' Gunju 1982 u kienu ottjenew s-separazzjoni legali fit-12 ta' Lulju 2014 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehed illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewgt tifal, li llum il-gurnata ghandhom aktar minn tlieta u ghoxrin sena. Xehed illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Qal ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament aktar minn erba' snin, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**NP** xehdet a fol 56 *et seqq* u kkonfermat u kkoroborat ix-xhieda tar-rikorrent.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. * Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-***

***divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi wara z-zwieg taghhom tal-5 ta'Gunju 1982, (vide Dok A certifikat taz-zwieg a fol 4), illi l-partijiet ottjenew is-separazzjoni personali in forza kuntratt debitament awtorizzat mill-Qorti, fl-atti tan-Nutar Robert Aquilina datat 12 ta' Lulju 2014, (vide Dokument, kuntratt tas-separazzjoni, a fol 29 et seqq.), u ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin.

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrent irnexxilu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi**

**registrat fir-Registru Pubbliku.**

**L-ispejjez ghandhom jibqu’ minghajr taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**